**238. Il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar l-Onor. Chris Cardona jipproponi:**

Illi l-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta għandha tliet (3) ishma ordinarji ta' USD 1 kompletament imħallsa fil-kumpanija Malta Freeport Corporation Limited minn total ta' 2,976,125 sehem ordinarju;

Illi I-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta għandha wkoll tmenin (80) sehem ordinarju ta' €2.329373 (Lml) kull sehem u ħames (5) ishma speċjali ta' €23.29373 (Lm10) kull sehem kompletament imħallsa fil-kumpanija Malta Development Fund Limited ammontati għal 2.3% mill-pakkett azzjonarju ta' 3,486 sehem ordinarju u 10% mill-pakkett azzjonarju ta' 50 sehem speċjali rispettivament;

Illi ġie maqbul illi l-ishma li l-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta sal-lum għandha fil-kumpaniji Malta Freeport Corporation Limited u Malta Development Fund Ltd m'għandhomx jibqgħu miżmuma mill-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta iżda għandhom jiġu trasferiti lill-kumpanija Malta Government Investments Limited;

Illi l-kumpanija Malta Government Investments Limited qablet u aċċettat li żżomm l-ishma fuq imsemmija illi sal-lum kellha l-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta taħt l-istess termini u kundizzjonijiet;

Illi l-partijiet kollha ffirmaw Ftehim ta' Trasferiment ta' Ishma għal dan il-għan hawn anness bħala Dokument 'A';

Għaldaqstant, din il-Kamra tirriżolvi li skont il-Ftehim ta' Trasferiment ta' Ishma hawn anness bħala Dokument 'A', tagħti l-kunsens tagħha sabiex isir it-trasferiment mill-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta favur tal-kumpanija Malta Government Investments Limited ta' tliet (3) ishma ordinarji kompletament imħallsa ta' USD 1 kull sehem fil-kumpanija Malta Freeport Corporation Limited u tmenin (80) sehem ordinarju ta' €2.329373 (Lml) kull sehem u ħames (5) ishma specjali ta' €23.29373 (Lm10) kull sehem, kompletament imħallsa, fil-kumpanija Malta Development Fund Limited.

02.05.2019